**314. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta’ Malta beħsiebu jikri lill-Melita Bank International Limited, parti minn Cavalier House deskritta aħjar fl-abbozz ta’ ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien, bil-kera u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta’ Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista’ tiġi trasferita “skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment”;

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skont riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b’dan riżolut li parti minn Cavalier House deskritta aħjar fl-abbozz ta’ ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija b’kera lill-Melita Bank International Limited għaż-żmien, għall-iskop u skont il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmijin fl-istess abbozz
.

01.04.1981